**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 20 TA' FRAR, 2002

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 1742/01AE**

**Elia Gatt**

**vs**

**Han Bin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab is-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm381.29), flus imhallsa minnu bhalal konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh gewwa Hal Luqa fit-23 ta' Awissu 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru OOO 168 habat mal-vettura bin-numru IAO 124 li hija propjeta ta' l-attur u misjuqa minnu.

Ra li l-konvenut deher fis-seduta tat-8 ta' Frar 2002 u ammetta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza, izda talab li ssir il-prova dwar id-danni sofferti.

Semgha x-xhieda ta' l-attur li kkonferma l-hsara li sofra u l-ispejjez li ghamel ghat-tiswija (ara dokumenti ezebiti a fol. 5 sa 13), liema xhieda ma gietx kontradetta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh gewwa Hal Luqa fit-23 ta' Awissu 2001.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm381.29) bhala danni sofferti minnu.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 2001.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**